**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 724/97

Carmel A. Attard

vs

Korporazzjoni Telemalta u b' digriet tat-22 ta' Settembru 1999 Maltacom plc bhala successur tal-istess

Illum 14 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' April 1990 huwa sofra ingustizzja meta saret jew inghatat, bi pregudizzju ghall-istess rikorrent distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita u dan billi r-rikorrent gie imcahhad milli jinghata promozzjoni ghall-grad ta' Administrative Officer jew Administrative Assistant ma l-istess

korporazzjoni intimata meta kelli l-kwalifiki, l-esperjenza u l-kwalitajiet necessarji sabiex jinghata l-grad ta' Administrative Officer jew al menu dak ta' Administrative Assistant.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej: Ir-rikorrent gie impjegat mal-Korporazzjoni intimata fit-28 ta' Awissu 1978 bhala Clerk 1. Fl-1 ta' Ottubru 1986 huwa nhatar Ufficjal Ezekuttiv. Fl-1994 huwa nghata l-kariga ta' Assistant Principal, liema kariga ghadu jokkupa llum. F'Gunju tas-sena 1989 huwa kien applika ghall-promozzjoni ghall-grad ta' Administrative Officer u Administrative Assistant rispettivament. Wara li gie soggett ghal process ta' ezaminazzjoni li kif kellu jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, kien process mill-aktar irregolari, inkonsistenti u diskriminatorju, huwa ma nghata ebda wahda minn dawn il-promozzjonijiet li ghalihom huwa applika, liema promozzjonijiet minflok inghataw lil impjegati ohrajn tal-Korporazzjoni li fil-konfront taghhom huwa kellu hila u kwalifiki oghla u kif ukoll lil xi impjegati ohrajn li sahansitra ma kienu eligibbli ghal dawn il-karigi:

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li ir-rikorrenti kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat:

1. Illi r-rikorrent jinghata l-promozzjoni ta' Administrative Officer jew dik ta' Administrative Assistant u s-seniority rispettiva tal-grad fih promoss b'sehh minn Gunju 1987 skond kif kienu ntizi li jkunu applikabbli l-imsemmija promozzjonijiet u konsegwentement jigi aggustat il-grad u/jew l-iskala tieghu prezenti.

2. Illi tigi mhallsa lir-rikorrent dik is-somma li dan it-Tribunal joghgbu jillikwida liema somma tirraprezenta d-differenza fl-ammont ta'dhul bhala income u beneficcji ohra li huwa ma hax u danni ohra minnu sofferti minhabba tali ingustizzja.

3. Jew inkella jekk dawn it-talbiet ma jistghux jintlaqghu li jigi ordnat li jithallas lir-rikorrent kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew somma ohra li dan it-Tribunal joghgbu jiffisa.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ta' Administrative Officer u Administrative Assistant kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika ghaz-zewg gradi pero' ghalkemm ghadda, minhabba li n-numru ta' vakanzi kien limitat, huwa ma setghax jintaghzel.

3. Illi fil-kaz tal-grad ta' Administrative Officer minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 60 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 5 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 12 minn 25 marka ta' l-esperjenza; 20 minn 25 marka ghal kwalifiki; 12 minn 20 marka ghal personalita'/sezzjoni prezenti; 6 minn 10 marki ghall-sezzjonijiet ohra u 5 minn 10 marki ghal taghrif generali.

4. Illi fil-kaz tal-grad ta' Administrative Assistant minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 61 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 5 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 14 minn 25 marka ta' l-esperjenza; 20 minn 25 marka ghal kwalifiki; 12 minn 20 marka ghall-personalita'/sezzjoni prezenti; 6 minn 10 marki ghal sezzjonijiet ohra u 4 minn 10 marki ghal taghrif generali:

5. Illi dwar l-allegazzjoni ta' irregolaritajiet, inkonsistenzi u diskriminazzjoni fil-process ta' ezaminazzjoni, ir-rikorrent irid jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u l-korporazzjoni rriservat li twiegeb ghal dawn l-allegazzjonijiet meta jigu specifikati ahjar.

6. Ghaldaqstant is-socjeta` intimata talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi Carmel A. Attard ipprezenta affidavit [fol 28-45] u semma l-kwalifiki li ghandu – Matrikola fir-Religjon, O Level fil-Malti, fil-Matematika, fl-Accounting, A Level in Typrewriting, RSA Book Keeping u Accounting, certifikati fil-Basic Computer Studies, fl-Gharbi, fil-Middle Management u fit-Typewriting.

Fir-rapport tal-Kummissjoni ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet datat it-28 ta' Frar 1991 (Esebit bhala Dokument A) issemmew bosta nkonsistenzi dwar kif twettaq il-process ta' dawn il-promozzjonijiet - fosthom issemma li nies li kienu ghadhom 'on probation' hadu punti ferm aktar fejn kellu x'jaqsam 'seniority' minn ohrajn li kellhom hafna snin ta' servizz fil-korporazzjoni. Saret referenza ghat-Tezi ghall-Universita' ta' Raymond Fava; dan kien fetah kawza fil-qrati Civili dwar il-fatti li f'dan l-istess process ta' promozzjonijiet hu ma kienx inhatar Welfare Officer. L-istess Kummissjoni ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet hass li f'paragrafu 4 tar-rapport tieghu kellu jikkumenta dan li gej:

*"Without, in any way, wanting to enter into the merits of any injustices relating to Telemalta promotions in 1986/87, this Commission is of the view that any exercise for the purpose of implementing the collective recommendations of the injustices' commission as contained in the attachments to the letters dated 26th October 1988 and 2nd February 1990 from the Prime Ministers' Office should have been restricted necessarily to the 1986/87 field of candidates rather then being thrown wide open to all comers which the provisions of the 1989 circulars calling for applications abviously imply."*

Ghalhekk sostna li l-applikazzjonijiet tieghu ghall-hatra ta' Administrative Officer u ghal dik ta' Administrative Assistant ma gewx ikkonsidrati b'mod serju.

Semma li l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid "*In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the requirements of the job and the merit, qualifications, aptitude, experience and seniority of those being considered for promotion or the filling of vacancies.*

Hass li s-Selection Board ma mexiex skond il-kriterji stabbiliti f'dan il-ftehim. Dawn hassew li kellhom idahhlu kriterji li jinkludu "*years of service, experience, qualifications, personality/present section, other sections u general knowledge'.*

Sostna li filwaqt illi wiehed jara li *'years of service', 'experience', 'qualifications' u 'general knowledge'* ghandhom hafna x'jaqsmu mal-kriterji stabbiliti fil-ftehim kollettiv, wiehed ma jistax jifhem x'ghandhom x'jaqsmu flimkien il-kriterju ta' *'personality/present section'* kif ukoll dak ta' *'other sections'.*

Il-Bord ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet fir-rapport tieghu qal li:

*"In some other cases the Selection Boards followed the questionable procedure of offering certain applicants a change of grade (apparently analogous) in order to render their respective applications eligible. Finally it would appear that all applications received were accepted and acknowledged without any check being carried out with regards to eligibility".*

Semma li certi haddiema li hadu l-promozzjoni u li kellhom inkonsistenzi cari fl-ghoti tal-marki u hawn semma lil Michael Mallia li min Clerk 1 lahaq Administrative Officer. Il-kaz ta' Frankie Mercieca li ma ghandux kwalifiki izda inghata 8/25 punti fil-qasam tal-kwalifiki. Hu hadem biss f'taqsima wahda - dik tal-Personnel u inghata 9 punti minn massimu ta' 10 fiz-zewg applikazzjonijiet, f'dak li huwa 'other sections. Bhala esperjenza nghata 25 punt minn massimu ta' 25 punti fil-kaz ta' l-applikazzjoni ghall-administrative assistant, u 23 punt minn massimu ta' 25 fil-kaz ta' l-applikazzjoni ghall-Administrative Officer. Raymond Kelly ma kellux kwalifiki izda xorta wahda nghata 2 punti. F'dak ta' present section/personality inghata 20

punt minn massimu ta’ 20 punt fil-kaz ta’ l-applikazzjoni tieghu ta’ Administrative assistant filwaqt li fil-kaz ta’ administrative Officer inghata 17 il-marka. Wiehed jistaqsi kif jista bniedem jinghata puntegg differenti ghall-istess haga u fl-istess hin u minghand l-istess ezaminaturi. Kelly dejjem hadem fix-Xandir u fl-ebda taqsima ohra tat-Telemalta, izda xorta ha 9 marki minn 10 f’dak li ghandu x’jaqsam ma’ other sections’ Fil-general knowledge minkejja li huwa bla kwalifiki inghata 9 punti minn massimu ta’ 10 punti.

Patrick Miller mill-grad ta’ cameraman lahaq Administrative Officer. Lil dan s-Selection Board ghogbu jaghtih ‘change of nomenclature’ u b’hekk gab l-applikazzjoni tieghu minn wahda mhux eligibbli ghal wahda eligibbli. Dan qatta hajtu fil-qasam tax-Xandir bhala cameraman u xejn izjed u rnexxielu jikseb 14 il-punt bhala esperjenza, 15 il-punt fejn kellu x’jaqsam ma’ personalita’ u present section kif ukoll 6 punti ohra fejn kellhom x’jaqsmu taqsimiet ohrajn.

Justin Tonna kien ghal xi zmien jahdem il-Melex jew ahjar id-Dipartiment ta’ l-accounts tat-Telemalta. Kien hemm ordni sabiex ma jinghatax xoghol stressanti ghaliex kellu certifikat li jghid li kellu jaghmel biss ‘light clerical duties”. Dan xorta instab tajjeb bizzejjed biex jinghata hatra li fiha nnifisha titlob li jerfa aktar responsabbilita’.

John Stanicic minn Clerk I lahaq Administrative Assistant. Ismu ma kienx imnizzel bhala Clerk I, izda fit-13 ta’ Jannar 1994

wiehed isib fir-records tat-Telemalta li  sur Stanicic huwa mnizzel bhala skrivan b'sehh mis-17 ta' Gunju 1989 b'kumbinazzjoni sitt ijiem qabel ma harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal Assistant Administrative Officer. Ukoll dan inghata change of nomenclature.

Sostna li kien hemm diversi kazijiet li kienu irregolari – il-kazijiet ta' Charles Borg, Joseph Vella, Vincent Briffa, Carmelo Farrugia, Joseph Sammut, Lawrence Zammit, John Demicoli, John Briffa, Doriette Tedesco.

Inoltre numru ta' kandidati zdiedilhom il-puntegg finali minghajr ebda raguni meta sar l-ghadd ta' l-ahhar u b'hekk meta mhux suppost li hadu promozzjoni gew eligibbli li jiehdu wahda kif il-fatt hadu. Hawn semma lil Saviour Valletta 67 flok 57, Joe Bartolo li gab 65 punt meta suppost li gab 64 punt,  Alfred Caruana li nghata 65 punt meta suppost li gab 64 punt.

Semma l-marki li nghata hu ghaz-zewg applikazzjonijiet, b'total ta' 60 ghal A.O. u 61 ghal A.A.

| Ghal Administrative Officer | | Administrative Assistant |
|---|---|---|
| Years of Service | 5 | 5 |
| Experience | 12 | 14 |
| Qualifications | 20 | 20 |
| Present Section / Personality | 12 | 12 |
| Other Section | 6 | 6 |
| General Knowledge | 5 | 4 |
| Total | 60 | 61 |

Saret referenza ghar-rapport tal-Bord ta' l-Appelli dwar promozzjonijiet - f'paragrafu 6 li:

*"The Commission regrets to state that, in spite of its enquiries with the two Selection Boards it has remained unconvinced of the criteria adopted by the boards in the allocation of the various weightings, totalling a maximum of 100 points in each case. The commission got no satisfactory explanation from the boards as to why for instance, "Personality' was allotted a maximum of 5 points in the case of Producer III and 20 points in the case of Welfare Officer or 10 points for "years of service" in the case of Administrative Officer, and 30 points in the case of Technical Officer III. To make matters worse the Commission could not help noticing an alarming inconsistency in the award of marks even in such areas as years of service where a simple and proportionate allocation of points should have been applied along the line. We have come across instances where employees with no less then 30 years service were awarded the ridiculously low rating of 5 marks out of 30 whilst inconsistently enough other candidates for the same post and with fewer years of service got a higher mark...It would also appear that the Selection Boards disregarded any years of previous related service with such as Cable & Wireless, Rediffusion, the Services, etc in awarding points for 'experience' a procedure with which the Commission does not agree as well as with certain unrealistic ratings such as two points out of twenty for 20 years experience. This is all the more unacceptable since the members of the Board stated that*

*they did not peruse the candidates' personal files and such low rating cannot therefore be ascribed to a bad record."*

In kontro-ezami qal "Jiena miniex sodisfatt bil-marki li gibt ghall-kriterju ta' snin ta' servizz peress li jiena gibt 5 punti minn total ta' 10 punti." Zied jghid li ma kienx sodisfatt ghall-marki li gab ghall-esperjenza. Semma lil Carmelo Farrugia li nghata 4 marki minn 10 ghall-kriterju tas-snin ta' servizz. Qal li dan fil-fatt kien dahal warajh. Semma wkoll lil Joseph Sammut li dahal f'Ottubru 1986 jigifieri 8 snin warajh u nghata 10 marki ghas-snin ta' servizz. Demicoli nghata wkoll 10 marki ghas-snin ta' servizz meta dahal 8 snin warajh mal-Korporazzjoni. Semma wkoll lil Lawrence Zammit li dahal 3 snin warajh u nghata 5 marki.

Kompla jghid li kien f' diversi sezzjonijiet bhar-Registry, Supplies and Contracts Office u l-Overseas Section fejn dejjem kellu xoghol ta' responsabbilta`, sahansitra anke kien imexxi xi nies tahtu ghal xi zmien.

Semma li "rigward ta' General Knowledge kull ma staqsewni fl-interview kien ismi, kunjomi, fejn noqghod, hobbies kif ukoll l-index number kif ukoll liema hi l-present section tax-xoghol tieghi. Meta nghatajt ghall-ezami ta' AO hames marki u ghall-ezami ta' AA 4 marki qed jirreferu ghall-liema section. Sar interview wiehed ghaz-zewg gradi. Ghalhekk bhala general knowledge kont nippretendi li ta' l-inqas ninghata l-istess marka ghaz-zewg ezamijiet. Ghalkemm nghid li jidhirli li haqqni iktar minn dawn il-marki li ottenejt."

Xehed Paul Xuereb li huwa Head Revenue li qal li bejn l-1989 u l-1990 ir-rikorrent kien jahdem tahtu. Dwar ir-rikorrent qal li hu kien ezemplari fuq ix-xoghol tieghu u xogholu dejjem tah. Qal ukoll li qatt ma kien hemm rapporti hziena fil-konfront tar-rikorrent. Zied jghid li r-rikorrent dejjem kien puntwali u osserva l-hinijiet tax-xoghol. Qal ukoll li r-rikorrenti kien jissorvelja lill-istudenti li kien ikollhom fis-sajf u kien jurihom ix-xoghol li ghandhom jaghmlu.

Xehed Maurice Mifsud Bonnici li dwar ir-rikorrent qal li bejn l-1984 u l-1987 jiftakar lir-rikorrent fuq xogholu u zied li xogholu dejjem kien tajjeb, kien jahdem b' hegga kbira li jitghallem u dejjem ifittex ix-xoghol. Qal ukoll li kien ubbidjenti hafna. Zied jghid li ma jaf b' ebda rapporti negattivi fil-konfront tar-rikorrent u qal li skond hu r-rikorrent kien haqqu li jigi promoss.

Xehed Gerald Clarke li ghandu l-kariga ta' Head of Contracts and Supplies. Qal li r-rikorrent kien jahdem mieghu bejn l-1985 u l-1990. Xoghol ir-rikorrent kien jittajpja l-adjudication reports fil-Contracts and Supplies Section u dan kien xoghol li trid tkun attent u responsabbli l-hin kollu. Spicca biex jghid li jiftakar lir-rikorrenti efficjenti fuq xogholu u ma ftakar xejn negattiv fil-konfront tieghu.

Raymond Cini xehed li kien jahdem mar-rikorrent fir-Registry fil-bidu li dahal mal-kumpanija. Ir-rikorrent dak iz-zmien kien jaghmel xoghol ta' typing. Jiftakar li r-rikorrent kien ezemplari

fuq xogholu u li jaghmel ix-xoghol kollu li jinghata u li ma kien hemm ebda rapporti negattivi fil-konfront tar-rikorrent.

Xehed John Saliba Acting Director fil-Human Resources and Administration li qal li kien jahdem mar-rikorrent bejn l-1981 u l-1985 fis-Supplies and Contrancs Section. Qal li r-rikorrent kien jipprometti u allura nghata xoghol ta' tenders u adjudication li hu xoghol ta' hsieb u responsabbilta`. Iddeskriva lir-rikorrent fuq xogholu bhala metikoluz hafna u ftakar li l-komportament tieghu fuq ix-xoghol dejjem kien tajjeb. Spicca biex jghid li ma jaf b' ebda rapporti negattivi fil-konfront tieghu.

Raymond Fava li llum il-grad tieghu huwa ta' Segretarju tal-Kumpanija Maltacom xehed li ilu jahdem mal-kumpanija mid-19 ta' April 1977 u b'sehh minn Mejju 1998 sar Head of The Board, Security and Compliance Unit. Dan huwa l-grad tieghu propju fil-Maltacom. Semma li kien hemm zewg interviewing boards, wiehed ta' grupp tekniku u l-iehor ghal grupp klerikali. Irrefera wara ghad-decizzjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-Ingustizzji li kienet ordnat lit-Telemalta biex taghmel numru ta' ezercizzji korrettivi, biss ukoll f'kull rapport li ghamlet taghat precizament kif kellhom isiru dawn l-ezercizzji korrettivi, fis-sens li kellhom ikunu ristretti ghal dawk in-nies li kienu applikaw fl-1986 u ghal hadd izjed u kullhadd seta jappella fil-grad li kien applika. Izda fil-fatt ma garax hekk. L-ewwel nett l-ezercizzju kien miftuh berah ghal kulhadd. Kien hemm applikanti li kienu ghadhom teknikament on probation, lanqas setghu japplikaw imma applikaw u hadu. Fil-Call for Applications infushom imkien ma

kont se ssib xi frazi li tghidlek din hija parti minn ezercizzju korretorju ghal dawk li kienu saru fl-1986. Dan kien ezercizzju ta' promozzjonijiet normali. Fil-waqt li min naha tal-bord qalu li kien ezercizzju korretorju l-istess nies li kienu fuq l-interviewing board qalu huma ma stmawx dak l-ezercizzju bhala wiehed korretorju. L-ewwel haga li kienet tidher tistona awtomatikament u fil-fatt il-GWU kienet qabzet minnufih ghal dawn l-istqarrijiet, li minn dawn it-359 li semma bl-eccezzjoni ta' 12-il ruh kollha kienu membri ta' l-UHM u dan meta l-GWU kellha membership ratio ta' 2 is to 1, u kellek tista' tghid kwazi zewg terzi tat-Telemalta li applikaw ghalihom dawn il-promozzjonijiet. Ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom. Iktar tard, xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta. Minn hemmhekk rrizultaw il-marki ma bdewx iregu.

Ikkwota pagna 3 l-ewwel paragrafu li jghid hawnhekk: "a procedure with which the commission does not agree as well as with certain unrealistic ratings such as 2 points out of 20 for 20 years experience. This is all the more unacceptable that the members of the board stated that they did not peruse the candidate's personal files and such low ratings can't therefore be calculated by record." Semma li mill-personal file se ssib hafna affarijiet bhal bad record.

Semma l-kwistjoni tac-change of nomenclature u b'hekk kandidati saru eligibbli u ta ezempju lil Patrick Miller, John Stanicic, Charles Zammit, Justin Tonna.

Charles Arrigo Azzopardi semma li fl-1989 kien maghzul fuq bord ta' ghazla. Kien hemm promozzjonijiet ghal diversi gradi klerikali. Ma kellhom l-ebda terms of reference fuq xhiex jimxu fuqhom fil-bord. Qal li peress li kien jahdem Xandir Malta ma kienx jaf wisq fuq it-Telemalta. Intervistaw mijiet ta' kandidati. Ma kienx konxju mill-ftehim kollettiv. Meta ltaqghu bhala bord tkellmu biss kif se jqassmu l-punti.

Xehed: "Muri Dok TF1 li huwa kopja tar-rizultati ndividwali nikkonferma li fost dawk il-kriterji li semmejt kien hemm kriterju iehor li kien other section. Mistoqsi dwar il-kriterju ghall-esperjenza fir-rigward ta' Frankie Mercieca li nghata 23 punt minn 25 punt ghal dan, il-kriterju filwaqt li Michael Spiteri nghata 10 punti u Norman Saliba ir-rikorrent l-iehor nghata 9 marki minn 25 meta t-tlieta li huma gew ngaggatti fl-istess sena, nghid li jiena ma nistax nirrispondi ghal dan jiena ma kontx intiz fit-Telemalta u kont iggwidat mill-membri l-ohra tal-bord..."

Ma setghax jaghti spjegazzjoni ghall-fatt li Doriette Tedesco gabet 4 marki ghall-kriterju ghas-snin ta' servizz meta hija kienet giet ingaggata mal-korporazzjoni fil-15 ta' April 1985, filwaqt li Michael Spiteri gab 5 punti u Norman Saliba gab 5 punti ukoll, meta gew ingaggati f'Gunju ta' l-1978.

Semma li kien hemm ic-certifikati ma' l-applikazzjonijiet u huma ivvalutaw l-kwalifiki minn dawn.  Deherlu li ma kellhomx il-personal file.

Tommy Roberts esebixxa r-rizultati ta' l-interview ghall-grad ta' A.O. A.A., u ta' Assistant Social Activities Co-ordinator."
Godwin Ellul ikkonferma li kien wiehed mill-membri tal-bord tal-promozzjonijiet ghall-habta ta' l-1989 u 1990.  Semma li l-allokazzjoni tal-marki ma nghtawx lilhom mill-Maltacom izda kienu ltqaghu qabel ma saru l-intervisti u stabbilewhom.  Xehed "Mistoqsi kif nispjega li Norman Saliba, Michael Spiteri, Godwin Ghigo u Antoinette Zammit ilkoll mpjegati mal-Maltacom fl-1978 gabu lkoll 5 marki minn 10 marki bhala massimu ghas-snin ta' servizz mentri perezempju Doriatte Tedesco li kienet impjegata mat-Telemalta mill-1985 gabet 4 marki minn 10 marki massimi, nghid li mhux necessarjament ghal kull sena servizz kien hemm marka jista' jkun li kien hemm grouping ta' snin ghall-marki…

Mistoqsi kif ghall-esperjenza Frankie Mercieca li kien dejjem f'sezzjoni wahda tal-personnel kien gab 23 marka minn 25 mentri r-rikorrenti Norman Saliba kien gab 9 minn 25 u Michael Spiteri 10 minn 25, Godwin Ghigo 10 minn 25 u Antoinette Zammit 8 minn 25 mentri dawn l-erbgha rikorrenti kienu lkoll mpjegati mat-Telemalta fl-1978 l-istess bhal Frankie Mercieca nghid li jista' jkun ghalkemm Frankie Mercieca kien f'sezzjoni wahda tal-Personnel kien jaqdi diversi dmirijiet differenti.

Joseph Mallia rapprezentant tal-Maltacom semma li l-kriterji li gew addottati ghal Administrative Officer li huwa AO u Administrative Assistant li huwa AA huma l-istess. Dawn kienu snin ta' servizz 10%, esperjenza 25%, kwalifiki 25%, personalita 20%, other sections 10% u general knowledge 10%.

Esebixxa dokumenti mehuda mill-files ta' individwi personali li huma Frankie Mercieca, Raymond Kelly, Carmel Borg, Vincent Briffa, Lawrence Zammit u Joe Demicoli.

Edmond Micallef xehed li hu kien appuntat chairman, tal-kummissjoni li kienet giet imwaqqfa, apposta biex tirrevedi l-kazijiet, rigward tal-promozzjonijiet, tat-Telemalta u dan wara cirkolari numru 40/89 u 41/89 fost ohrajn. Fil-Bord kien hemm ukoll l-ekonomista Karmenu Farrugia - rapprezentant tal-General Workers Union. Kien hemm ukoll rapprezentant tal-kumpanija fil-waqt li hu kellu rapprezentanza newtrali. Ikkonferma r-rapport maghmul minnhom.

David Buttigieg rapprezentant tal-Maltacom irrefera ghal kaz ta' Aldo Briffa vs Korporazzjoni Telemalta gja deciz u l-affidavit tieghu u dan peress li x-xhieda li ta f'dak il-kaz huwa relevanti ghal dawn il-kazijiet ukoll.

Hu rrifera ghall-paragrafu 7.3 tal-Kummissjoni fl-ewwel rapport kollettiv. It-Telemalta kella tara jekk minn dawk kolla li kienu applikaw kienx hemm min kien jisthoqqlu promozzjoni, u jekk iva dawn kellhom jiehdu l-promozzjoni b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1987. Kien sar ftehim mal-General Workers' Union.

Sar ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal 25 grad differenti, u b'zewg Bords ta' ghazla. L-applikazzjonijiet kienu miftuha ghall-haddiema kollha tat-Telemalta u mhux ristretti ghal dawk biss li kienu applikaw kif kienet irrakkomandat il-Kummissjoni. Saru r-rapporti u gew approvati mill-bord tad-Diretturi. Inghataw 359 appointment f'25 grad differenti fit-12 ta' Gunju, 1990 b'effett mill-5 ta' Gunju, 1987. L-agreed minute mal-General Workers' Union kienet tipprovdi ghal Kummissjoni ta' Appell. Il-Kummissjoni irceviet 488 appell u ipproponit administrative re-assessment.

Ziedet li ghandu jinghata

a. 1 mark for each year of service subject to a maximum of 20 marks;

b. 1 mark for each year of experience including related experience up to a maximum of 20 marks;

c. Job related, Trade, Scholastic and or Academic qualifications –15 marks

d. Ability, performance and conduct by respective Head of Branch – 45 marks

Dan l-ezercizzju ta' re-assessment sar fl-1991, u 29 ikkwalifikaw. Spjega li ghalkemm il-pass mark tal-interviews hija 50%, ried ikun hemm il-vakanzi biex bniedem jiehu l-promozzjoni. Jibqghu nizlin fil-lista sakemm ikun hemm vakanzi basta applikant ikun gab 50%. Fil-kaz ta' Administrative Assistants l-ahhar persuna li saret kienet Joe Schembri li gab puntegg ta' 64 marka u li kien fil-pusizzjoni 32; fil-kaz ta' Administrative Officers l-ahhar persuna li saret gabet puntegg ta' 67 marka u

kien fil-pusizzjoni 21. Dwar il-validita' tar-rizultat ghal certu zmien bhal kif stabbilit fl-Estacode, ghalkemm illum jezisti dak il-principju, dak iz-zmien dan ma kienx applikabbli.

**KONKLUZZJONIJIET:**

**Konsiderazzjonijiet generali:**

Fil-kawza fl-ismijiet Nathalie Attard vs Maltacom deciza minn dan it-Tribunal fl-24 ta' Ottubru, 2001, it-Tribunal qal:

"Illi ghalhekk biex jasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk saritx ingustizzja mar-rikorrenti mill-Maltacom, dan it-Tribunal irid f'dan il-kaz l-ewwel jara jekk sarux ingustizzji fl-ghoti tal-promozzjonijiet u wara jara jekk ir-rikorrenti haqqix l-ghoti tal-promozzjoni.

Fl-analisi ta' dak li sar irrizulta li:

l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid "In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the <u>requirements of the job</u> and the <u>merit</u>, <u>qualifications</u>, <u>aptitude</u>, <u>experience</u> and <u>seniority</u> of those being considered for promotion or the filling of vacancies. Fil-fatt is-Selection Board ma mexiex ezatt skond il-kriterji stabbiliti f'dan il-ftehim ghax ghalkemm seniority, experience, u qualifications huma imsemmija specifikament fil-ftehim kollettiv, zdiedu <u>personality</u>, <u>other sections</u> u <u>general</u>

knowledge, waqt li thallew barra **merit** u **aptitude.** L-aktar li hu preokkupanti huwa li dawn jidhru jaghtu wisq importanza lil elementi suggettivi u mhux tant dawk oggettivi bhal seniority u kwalifiki.

*Is-selection Board halla tibdil tan-nomenklatura kif imsemmi wkoll mill-Bord ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet;*

Irrizulta li diversi haddiema li mhux suppost inghatw marki jew mhux daqshekk hadu marki; diversi haddiema li ma kellhomx kwalifiki inghataw punti fil-qasam tal-kwalifiki.

L-allokazzjoni tal-marki ta' hafna haddiema fil-qasam ta' esperjenza huwa manifestament zbaljat;

il-komputazzjoni tal-marki ta' xi whud hija zbaljata;

ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom, u xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta;

il-personal files tal-applikanti ma gewx ezaminati;

Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li saru kwantita' kbira ta' irregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet. B'hekk diversi nies li ma kiex haqqhom jigu moghtija promozzjoni inghataw l-istess promozzjoni. Certament it-Tribunal mhux qieghed jezamina l-aspett tal-ingustizzji b'mod li jindahal

f'min gja ha promozzjoni meta mhux suppost ghax dwar dan ma jista' jaghmel xejn, izda ghandu l-obbligu li jipprova jaghmel l-ahjar tieghu biex jirrimedja l-ingustizzji li saru. Dan spiss hu ferm difficli.

Biex tigi mnaqqsa din l-ingustizzja manifesta hemm bzonn li dan it-Tribunal jalloka xi marki ohra fejn ikun il-kaz u b'hekk minn gie ingustament imholli barra ikun jista' jibbenefika mill-process odjern. Biex dan isir u kemm jista' jkun b'mod oggettiv l-allokazzjoni tal-marki trid tigi modifikati li l-kriterju oggettiv dwar seniority [snin ta' servizz] jinhadem fuq bazi ta' 20 marka, u Kwalifiki fuq bazi ta' 40 marka u b'hekk il-kwalifiki oggettivi ikollhom 60%. Experience tinzel ghal 15, Personality 15, Other Sections 5, u General Knowledge 5. Dan l-esercizzju jrid isir mit-Tribunal biss fil-kaz ta' min applika. Ghalkemm it-Tribunal mhux sejjer imiss il-marki, hlief ghal kif inghad, fil-kriterji ta' other sections, u general knowledge, jekk ikun il-kaz irid jara jekk il-marka dwar personality hijiex gusta.

Ukoll ir-rikorrenti irid mhux biss li ssirilhom formula matematika li biha l-marki allokati jigu sostitwiti; izda fejn pruvat li saru zbalji dawn il-marki jridu l-ewwel jigu modifikati b'mod li jekk dawk li hadu l-promozzjonijiet inghataw ghall-istess kwalifiki bhar-rikorrent 10 marki, bl-istess mod irid li r-rikorrent jinghata dawn il-marki.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li biex persuna tiehu l-promozzjoni ma kienx sufficjenti li jghaddi izda ried jidhol fil-cut-off section tal-promozzjonijiet. Hawn ukoll trid issir kunsiderazzjoni ohra; kawza ta' dak li sar numru ta' nies [xi terz ta' dawk li saru] u li hadu l-promozzjoni ma kienux johduha b'mod li l-cut-off irid jizdied b'terz."

Meta Charles Arrigo gie mistoqsi jaghti diversi spjegazzjonijiet ma setghax jaghtihom; ukoll dan xehed li rigward kwalifiki il-Bord mexa ma' dak li ddikjaraw li kellhom l-applikanti fl-applikazzjoni taghhom [1-/4/00].

Irrizulta skond Raymond Fava li minn 359 applikanti bl-eccezzjoni ta' 12 -il ruh kollha kienu membri ta' l-UHM u dan meta l-GWU kellha membership ratio ta' 2 is to 1;

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-rikorrent:**

Paul Xuereb, Maurice Mifsud Bonnici, Gerald Clarke, Raymond Cini u John Saliba lkoll xehedu dwar ir-rikorrent u qalu li hu kien ezemplari fuq ix-xoghol tieghu u xogholu dejjem tah. Qalu li kien metikoluz hafna fix-xoghol tieghu, ezemplari u puntwali. Qalu wkoll li qatt ma kien hemm rapporti hziena fil-konfront tar-rikorrent.

**Konsiderazzjonijiet finali:**

Ghalhekk ir-rikorrent applika ghal A.A u gab 60 marki, u ghal A.O. u gab 61. Intqal li Frankie Mercieca gie impjegat mal-

kumpanija fl-istess gurnata bhar-rikorrent u gab ghal AO 5, 23, 8, 19, 9, u 9 total 73; u li ghal AA 5, 25, 8, 19, 9, u 10 total 76.

B'dak li intqal fuq il-marki tar-rikorrenti ghandhom jigu revizi b'dan il-mod ghal AO u ghal AA:

Dwar *years of service* ir-rikorrenti inghata 5/5 meta Doriette Tedesco li kienet ilha impjegata 4 snin hadet 4 waqt li hu kien ilu mill-1978 u cioe' 11 il-sena; ghalhekk irid jinghata l-massimu u cioe 10/10; bil-formula gdida irid jinghata 20/20;

Dwar *experience* ir-rikorrent inghata 12/14 meta l-marki li inghataw ghal nies ta' 5 snin servizz kienu bejn 7 sa 23; it-Tribunal ihoss li kienet tkun marka aktar ekwa 14/16; bil-formula hawn fuq imsemmija din ssir 8/10;

Dwar *kwalifiki* r-rikorrent inghata 20/20 meta Mercieca li ma kellux kwalifiki inghata 8. Ghalhekk il-marka tar-rikorrent kellha tizdied b'8/8 u tasal ghal 28/28 (li mhux possibbli ghax kienet minn 25/25) u bil-formula gdida tasal 40/40;

Dwar *personality* ir-rikorrent inghata 12/12; u ghalhekk bil-formola fuq imsemmija ssir 9/9;

Dwar *Other Sections* ir-rikorrent inghatat 6/6 meta Mercieca u Mallia inghataw 9 u kienu f'sections anqas; ghalhekk il-marka missa kienet 10; l-marka l-gdida trid taqra 5/5;

Dwar *General Knowledge* ir-rikorrent inghatat 5/4; it-Tribunal ma jistax hlief jikkummenta fuq il-fatt li ghal AA li hu grad inferjuri fl-istess interview r-rikorrent inghata anqas marki fuq dan l-aspett; u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 3/3;

Dan itella' t-total tal-marki tar-rikorrent ghal 85 ghal AO u 87 ghal AA.

Il-cut-off line ghal AO kien il-21 post b'67 marka, waqt li ta' AA kien it-32 post b'64 marka. Skond dak li intqal fuq dwar it-terz li jrid jizdied il-cut-off marks irid jsiru ghal AO it-28 post u cioe' 65 marka, waqt li ta' AA il-43 u cioe' 60 marka. F'dan il-kaz ma hemmx ghalfejn li t-Tribunal jidhol fl-ezami ta' dan l-aspett ghax irrizulta li r-rikorrenti kien haqqu l-promozzjoni ghal AO ghax spicca b'total ta' 85 marka.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata. Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Administrative Officer b'effett mill-5 ta' Gunju, 1987 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha il-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra basta dan ma jaqbisx is-somma ta' Lm5000.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.